# THERESA GALEA (1928 - 2007) MAJJISTRA NAXXARIJA



***Minn Victor Scerri***

Ilum nixtieq inlaqqgħakom man-Naxxarija Theresa (Tereza) Galea. Din il-mara, li llum m'għadiex magħna, ħadmet mhux għall-flus, imma ħadmet bħal ma jaħdmu l-Qaddisin. Dawk qatt ma ħadmu għalihom infushom, imma għall-proxxmu u l-imħabba t'Alla.

Theresa, xebba Camilleri, twieledet fis-7 ta' Marzu, 1928, fin-Naxxar. Il-ġenituri tagħha, Saviour u Magdalena, kienu twajbin u tal-affari tagħhom, retti u ta' dixxiplina. Ta' min jgħid li dawk is-snin kienu snin ta' faqar, mard, tagħlim ftit li xejn u l-imwiet tat-trabi kienu spissi. Fl-irħula, s-sitwazzjoni kienet aktar diffiċli mill-ibliet, u n-Naxxar ma kienx eċċezzjoni.

L-ewwel edukazzjoni tagħha, Theresa rċivieta fl-Iskola Primarja tan-Naxxar u wara kompliet tistudja fl-Iskola Sekondarja ġewwa l-Belt Valletta. Fi xbubitha, Theresa kienet tattendi għall-lezzjonijet tas-*short hand* minħabba li kienet qegħda tistudja għal Segretarja tal-Parlament. Iżda ommha qaltilha li aħjar issib taħdem, minħabba li l-istudju kien sa jieħu tul ta' żmien. Kien f'dawn iż-żminijiet li bdiet tistudja għal Majjistra ġewwa l-isptar taħt Dr. Demajo. Dan ix-xogħol, għal Theresa kien vokazzjoni u d-doveri tagħha dejjem qdiethom bi skruplu Nisrani u Mediku. Aktar tard, meta l-Professur Ellul kellu l-ħsieb li jiftaħ sptar privat, riedha tmur tgħinu.



Fin-Naxxar kien hemm tlett Majjistri: Ġiġa Sammut, Mary Attard u Theresa. Ix-xogħol – vokazzjoni tagħhom kien li jassistu lil ommijiet waqt it-twelid ta' wliedhom. Kemm għall-magħmudija, kif ukoll għand il-pulizija, Theresa kienet trid tkun dejjem preżenti. Hekk kienet il-majjistra tagħna, moħbija minn għajnejn kulħadd. Iżda kienet dejjem tidħol b'dedikazzjoni li ma tafx b'mistrieħ. Għall-ewwel ġimgħa ta' kull tarbija hi kienet tkun preżenti wkoll għat-tisqija. Dejjem kien ikollha żewġ basktijiet lesti, wieħed għat-twelid u l-ieħor għat-tifsqija. Min jaf kemm il-darba kienet tkun imsejħa f'xi dar b' karozzin jew mezz ieħor ta' transport primittiv. U minkejja l-iskumditajiet, qatt ma rrifjutat li tgħin. Ġieli kien hemm każi fejn kienet tidħol hi għax it-tabib ma jkunx irid jidħol.

Theresa kienet tifla waħdanija fost ħamest ulied. Kienet tħobb il-moda tal-mument, timxi u tgħum. Kienet soċjali ħafna u mdawwra b'ħafna ħbieb. Fil-25 ta' April, 1954, żżewġet lil Agostino Galea u kellha żewġt ulied: Charlie u Doris. Kienet mara dħulija u kull ma għamlet, għamlitu b'imħabba lejn għajrha. Theresa ħallietna fit-12 ta' Settembru, 2007. Iżda l-imħabba tagħha għexet warajha biex tibqa' tfakkarha għal dejjem.